REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/455

tas-7 ta' Marzu 2025

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "SatPax® 70/30 IPA" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Diċembru 2021, CSI-Ireland issottomettiet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodott bijoċidali uniku bl-isem "SatPax® 70/30 IPA" tat-tip ta' prodott 2, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tal-Finlandja kienet qablet li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-UG072043-42 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali.

(2) "SatPax® 70/30 IPA" fiha l-propan-2-ol bħala s-sustanza attiva, inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tip ta' prodott 2.

(3) Fil-5 ta' Jannar 2024, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ssottomettiet rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija.

(4) Fis-27 ta' Ġunju 2024, f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-Aġenzija ssottomettiet l-opinjoni ([2]) tagħha, l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC", summary of the biocidal product characteristics) ta' "SatPax® 70/30 IPA" u r-rapport tal-valutazzjoni finali dwar il-prodott bijoċidali uniku lill-Kummissjoni.

(5) L-opinjoni tikkonkludi li "SatPax® 70/30 IPA" huwa prodott bijoċidali uniku skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(r) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li huwa eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fil-15 ta' Lulju 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk jidhrilha li jixraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-istess prodott bijoċidali uniku "SatPax® 70/30 IPA".

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
([2]) L-opinjoni tal-ECHA tat-30 ta' Mejju 2024 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' "SatPax® 70/30 IPA" (ECHA/BPC/432/2024), https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0032869-0000 lil CSI-Ireland għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-prodott bijoċidali uniku "SatPax® 70/30 IPA" f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali stabbilit fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mit-30 ta' Marzu 2025 sat-28 ta' Frar 2035.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali

SatPax® 70/30 IPA

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0032869-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0032869-0000

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Isem/ismijiet kummerċjali tal-prodott**

Isem/Ismijiet kummerċjali	SatPax® 70/30 IPA SatPax® Choice® 500 Sterile SatPax® Choice® 500 SatPax® 550 Sterile SatPax® 550 SatPax® 550 Low Endotoxin Sterile SatPax® 550 Low Endotoxin SatPax® Choice® 600 Sterile SatPax® Choice® 600 SatPax® 670 Sterile SatPax® 670 SatPax® 670A Sterile SatPax® 670A SatPax® 670-R Sterile SatPax® 670-R SatPax® 3000 Sterile SatPax® 3000 SatPax® Choice® 700 Sterile SatPax® Choice® 700 SatPax® Choice® 900 Sterile SatPax® Choice® 900 SatPax® 1000 Sterile SatPax® 1000 SatPax® S1200 Sterile SatPax® S1200 SatPax® Choice® SuperSorb Sterile SatPax® Choice® SuperSorb SatPax® MicroSeal SuperSorb® Sterile SatPax® MicroSeal SuperSorb® SatPax® Microseal®-VP Sterile SatPax® Microseal®-VP SatPax® Microseal®-VP Low Endotoxin Sterile SatPax® MicroSeal®-VP Low Endotoxin SatPax® ValuSeal-HA® Sterile SatPax® ValuSeal-HA® SatPax® SPSE Sterile SatPax® SPSE SatPax® SPLWSE Sterile SatPax® SPLWSE SatPax® SPSWSE Sterile SatPax® SPSWSE SatPax® ValuSeal® IonX® Sterile SatPax® ValuSeal® IonX®

1.2. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	CSI-Ireland
	Indirizz	Block C Ardilaun Court 112-114 St. Stephen's Green D02 TD28 Dublin IE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0032869-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0032869-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	It-30 ta' Marzu 2025	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	It-28 ta' Frar 2035	

1.3. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Berkshire International Ltd
Indirizz tal-manifattur	Unit A, The Apex, Farrier Close NR18 0WF Wymondham Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Berkshire International Ltd site 1 Techtex, Units 7 & 8, Rhodes Business Park M24 4NE Middleton Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq Berkshire International Ltd site 2 Berkshire Corporation, 6509 Franz Warner Parkway NC 27377 Whitsett L-Istati Uniti Berkshire International Ltd site 3 Berkshire International Ltd. Unit A , The Apex, Farrier Close NR18 0WF Wymondham Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

1.4. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Ineos Solvents Germany GmbH
Indirizz tal-manifattur	Römerstraße 733 47443 Moers Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Ineos Solvents Germany GmbH site 1 Römerstraße 733 47443 Moers Germany Ineos Solvents Germany GmbH site 1 Römerstraße 733 47443 Moers Il-Ġermanja

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Exxon Mobil Chemical Europe
Indirizz tal-manifattur	Hermeslaan 2 1831 Machelen Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	Exxon Mobil Chemical Europe site 1 Exxon Mobil Chemical Europe site 1 Exxon Mobil Chemical Plant, 4999 Scenic Highway Louisiana 70897 Baton Rouge United States (the) Exxon Mobil Chemical Plant, 4999 Scenic Highway Louisiana 70897 Baton Rouge L-Istati Uniti

2. **KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	64,7 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Mselħa tal-RTU mxarrba minn qabel b'formulazzjoni likwida (AL)

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H225: Likwidu u fwar li jaqbdu malajr. H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar. P264: Aħsel idejk sew wara li tużah. P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn/protezzjoni għall-wiċċ. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P337+P313: Jekk l-irritazzjoni tal-għajnejn tippersisti: Ikkonsulta tabib. P312: Ikkuntattja tabibr jekk tħossok ma tiflaħx. P403+P235: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm frisk. P405: Aħżen f'post imsakkar. P501: Armi l-kontenut fi skont ir-regolamenti kollha lokali, nazzjonali u internazzjonali.

4. **UŻU/I AWTORIZZATI**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Diżinfezzjoni ta' uċuħ ibsin iżgħar permezz tal-imsiħ fi kmamar sterili u f'żoni simili kkontrollati f'ambjenti tal-manifattura u industrijali (eż.: bankijiet tax-xogħol f'kamra sterili)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: ebda data Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: kollha Isem xjentifiku: ebda data Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: kollha
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' uċuħ ibsin iżgħar permezz tal-imsiħ fi kmamar sterili u f'żoni simili kkontrollati f'ambjenti tal-manifattura u industrijali (eż.: bankijiet tax-xogħol f'kamra sterili)
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: imsiħ Deskrizzjoni dettaljata: Imsiħ. Applikazzjoni diretta fuq l-uċuħ b'imselħa mxarrba minn qabel.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta 'applikazzjoni: 30 - 130 mL / m^2 Numru u ħin tal-applikazzjoni: Prodott lest għall-użu Uża biżżejjed imsielaħ biex iżżomm il-wiċċ imxarrab għal ħin tal-kuntatt ta' minuta. Kull imselħa fiha 3.0 – 56.3 ml ta' soluzzjoni ta' IPA: ilma 70:30 v/v % (2.1 – 39.4 ml jew 1.6 sa 30.9 g tas-sustanza attiva). Ir-rata tal-applikazzjoni tiddependi fuq it-tip ta' wipe (ara hawn taħt). 1. 55 % ċelluloża / 45 % poliester ml ta' likwidu formulat/imselħa: 9 - 18 msielaħ biex iżżomm 0,5 m^2 imxarrab: 2 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 6 - 9 msielaħ biex iżżomm 0,5 m^2 imxarrab: 3 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 4,5 - 6 msielaħ biex iżżomm 0,5 m^2 imxarrab: 4 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 4 - 4,5 msielaħ biex iżżomm 0,5 m^2 imxarrab: 5

	ml ta' likwidu formulat/imselħa: 3 - 4 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 6 2. 60 % ċelluloża / 40 % poliester ml ta' likwidu formulat/imselħa: 9 - 15 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 2 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 5,75 - 9 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 3 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 4,5 - 5,75 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 4 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 3,75 - 4,5 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 5 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 3 - 3,75 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 6 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 2 - 3 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 7 3. 100% polipropilen ml ta' likwidu formulat/imselħa: 7,5 - 15 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 2 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 5 - 7,5 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 3 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 3,5 - 5 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 4 4. 100% poliester ml ta' likwidu formulat/imselħa: 16 - 56 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 1 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 8 - 16 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 2 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 7 - 8 msielaħ biex iżżomm 0,5 m² imxarrab: 3 Numru tipiku ta' applikazzjonijiet fil-ġurnata: 10
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	**Msielaħ Imxarrbin Minn Qabel – 55 % ċelluloża / 45 % poliester** Kanister/ boroż tal-mili mill-ġdid 60, 75, 100, 125 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 13 × 20, 15 × 23, 30 × 30 Materjal tar-reċipjent: HDPE (polietilen ta' densità għolja) Materjal tal-għatu: PP (polipropilen) Borża 25, 30, 50, 75, 100 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 15 × 23, 18 × 20, 23 × 23, 23 × 28, 30 × 30 Materjal tas-saff ta' barra: PET (tereftalat tal-polietilen) Materjal tas-saff ta' ġewwa: PE jew LLDPE (polietilen jew polietilen ta' densità baxxa lineari)

	Msielaħ Imxarrbin Minn Qabel – 60 % ċelluloża / 40 % poliester Kanister/ borża tal-mili mill-ġdid 75, 100, 125, 150 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 13 × 20, 15 × 23, 30 × 30 Materjal tar-reċipjent: HDPE Materjal tal-għatu: PP Borża 30, 75, 90, 100 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 15 × 20, 18 × 20, 23 × 23, 23 × 28, 30 × 30 Materjal tas-saff ta' barra: PET Materjal tas-saff ta' ġewwa: PE jew LLDPE **Msielaħ Imxarrbin Minn Qabel – 100% polipropilen** Kanister/ borża tal-mili mill-ġdid 50, 75, 100, 125, 150 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 15 × 23, 23 × 30 Materjal tar-reċipjent: HDPE Materjal tal-għatu: PP Borża 50, 75, 100, 125 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 18 × 28, 23 × 28, 28 × 36 Materjal tas-saff ta' barra: PET Materjal tas-saff ta' ġewwa: PE jew LLDPE **Msielaħ Imxarrbin Minn Qabel – 100% poliester** Borża 20, 25, 30, 50, 75 100 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 15 × 23, 18 × 20, 23 × 23, 30 × 30 Materjal tas-saff ta' barra: PET Materjal tas-saff ta' ġewwa: PE jew LLDPE

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Uża f'temperatura tal-kamra.

Uża biss fuq uċuħ nodfa.

Neħħi mselħa waħda mill-pakkett. Aqgħlaq il-pakkett.

Itwi kwart tal-imselħa u ibqa' itwi kif meħtieġ biex tuża kull wiċċ tagħha.

Applika l-imselħa mxarrba minn qabel direttament fuq il-wiċċ li jrid jiġi diżinfettat.

Ara li l-wiċċ ikun imxarrab kompletament.

Mhux meħtieġ imsieħ addizzjonali. Ħalli ħin ta' kuntatt ta' minuta għal batterji u ħmejjer.

Uża l-imselħa darba.

Armi l-imselħa minnufih wara l-użu f'kontenitur magħluq.

Tħallatx ma' prodotti oħrajn.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara taqsima 5.2

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara taqsima 5.3

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara taqsima 5.4

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara taqsima 5.5

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Diżinfezzjoni ta' uċuħ ibsin ikbar bl-użu ta' msielaħ u mopp fi kmamar sterili u f'żoni simili kkontrollati f'ambjenti tal-manifattura u industrijali (eż.: pavimenti f'kamra sterili)

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: ebda data Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: kollha Isem xjentifiku: ebda data Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: kollha
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' uċuħ ibsin ikbar bl-użu ta' msielaħ u mopp fi kmamar sterili u f'żoni simili kkontrollati f'ambjenti tal-manifattura u industrijali (eż.: pavimenti f'kamra sterili)
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: bil-mopp Deskrizzjoni dettaljata: bil-mopp. Qabbad l-imselħa mxarrba minn qabel ma' mop tal-art għal applikazzjoni fuq l-uċuħ
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta 'applikazzjoni: 17 mL / m^2 Numru u ħin tal-applikazzjoni: Prodott lest għall-użu Uża biżżejjed imsielaħ biex iżżomm il-wiċċ imxarrab għal ħin tal-kuntatt ta' minuta. Kull imselħa tal-art fiha 22.0 sa 24.7 ml ta' soluzzjoni ta' IPA:ilma 70:30 v/v % (15,4 sa 17,3 ml jew 12.4 sa 13.9 g tas-sustanza attiva).

	ml ta' likwidu formulat/imselħa: 25 msielaħ biex iżżomm 25 m² imxarrab:17 ml ta' likwidu formulat/imselħa: 22 msielaħ biex iżżomm 25 m² imxarrab: 19 Numru tipiku ta' applikazzjonijiet fil-ġurnata: 1
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	**Msielaħ Imxarrbin Minn Qabel – 55 % ċelluloża / 45 % poliester** Borża 25, 30, 50, 75 imselħa Daqs tal-imselħa (ċm): 23 × 58 Saturazzjoni tal-prodott: 60% Materjal tas-saff ta' barra: PET Materjal tas-saff ta' ġewwa: PE jew LLDPE

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Uża f'temperatura tal-kamra.

Uża biss fuq uċuħ nodfa.

Neħħi l-imselħa/imsielaħ mill-pakkett. Aqgħlaq il-pakkett.

Qabbad 4 strati fuq ir-ras tal-mop u erġa' itwi jew dawwar l-imsielaħ kif meħtieġ biex iżżomm il-wiċċ imxarrab għal ħin ta' kuntatt ta' minuta.

Applika l-imselħa direttament fuq il-wiċċ li jrid jiġi diżinfettat.

Uża biżżejjed imsielaħ biex iżżomm il-wiċċ imxarrab għal ħin tal-kuntatt ta' minuta.

Mhux meħtieġ imsiħ addizzjonali.

Ħalli ħin ta' kuntatt ta' minuta għal batterji u ħmejjer.

Uża l-imselħa darba.

Armi l-imselħa minnufih wara l-użu f'kontenitur magħluq.

Tħallatx ma' prodotti oħrajn.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara taqsima 5.2

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara taqsima 5.3

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara taqsima 5.4

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara taqsima 5.5

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU**([1])

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Ara t-taqsimiet 4.1.1 u 4.2.1

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Evita l-kuntatt mal-għajnejn.

Kun żgur li l-applikazzjoni titwettaq f'żoni b'rata ta' ventilazzjoni minima ta' 20 bidla tal-arja/siegħa.

Matul il-fażi tal-immaniġġar tal-prodott, ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimika li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Istandard Ewropew EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

Ara t-Taqsima 6 għal informazzjoni dwar l-istandard EN u d-Direttiva tal-Kunsill.

Żomm fil-kontenitur oriġinali, magħluq sew meta ma jkunx qed jintuża. Kontenituri vojta jkollhom residwi tal-prodott u jistgħu jkunu perikoluż. Terġax tuża l-kontenitur.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

Struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom.Aħsel il-ġilda bl-ilma. Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

JEKK JINBELA': Laħlaħ ħalqek. Agħti lill-persuna esposta xi ħaġa x'tixrob jekk din tista' tibla'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

Miżuri ta' emerġenza

Informa lill-awtoritajiet rilevanti jekk il-prodott ikkawża tniġġis ambjentali (kanali tad-drenaġġ, passaġġi tal-ilma, ħamrija jew l-arja).

Tixrid żgħir:

Uża vacuum cleaner jew iknes biex tiġbor il-materjal u poġġih f'kontenitur tal-iskart dežinjat u ttikkettat. Armi permezz ta' kuntrattur liċenzjat għar-rimi tal-iskart

Tixrid kbir:

Waqqaf it-tnixxija jekk dan ma jinvolvix riskju. Ċaqlaq il-kontenituri barra miż-żona tat-tixrid. Uża għodod reżistenti għal xrar u tagħmir reżistenti għal splużjonijiet. Ersaq lejn il-materjal rilaxxat mil-lat li jiġi kontra r-riħ. Evita d-dħul f'kanali tad-drenaġġ, ħamrija, mogħdijiet tal-ilma, kantini jew żoni konfinati. Ikkontjeni u iġbor it-tixrid b'materjal assorbenti li ma jaqbadx, eż. ramel, materjal tal-art, vermikulit jew materjal tal-art tad-dijatomaċju u poġġih f'kontenitur għar-rimi skont ir-regolamenti lokali. Armi permezz ta' kuntrattur liċenzjat għar-rimi tal-iskart. Materjal assorbenti kontaminat jista' jimponi l-istess periklu bħall-prodott li nxtered.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Il-ġenerazzjoni ta' skart għandha tiġi evitata jew imnaqqsa kemm jista' jkun. Ir-rimi ta' dan il-prodott għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent u r-rimi tal-iskart u kwalunkwe rekwiżit tal-awtoritajiet lokali reġjonali. Armi prodotti żejda u mhux riċiklabbli permezz ta' kuntrattur liċenzjat għar-rimi tal-iskart. L-iskart m'għandux jintrema fis-sistema tad-drenaġġ. M'għandekx tifflaxxja l-meshiet fit-tojlit. M'għandekx timmaċera.

Rimi tal-imballaġġ:

Il-ġenerazzjoni ta' skart għandha tiġi evitata jew imnaqqsa kemm jista' jkun. L-iskart tal-imballaġġ għandu jiġi riċiklat. L-inċinerazzjoni jew ir-rimi f'landfill għandu jiġi kkunsidrat biss meta r-riċiklaġġ ma jkunx fattibbli. Dan il-materjal u l-kontenitur tiegħu għandhom jintremew bilprekawzjonijiet meħtieġa. Kontenituri vojta jew il-kisi ta' ġewwa tagħhom jista' jkollhom xi residwi tal-prodott. Alkoħol residwali għandu jiġi żvojtat qabel ir-rimi tal-kontenitur.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żomm f'post frisk, xott bil-kurrenti għadejjin fil-kontenitur oriġinali.

Żomm il-kontenitur magħluq sew.

Aħżen f'temperaturi li ma jaqbżux 40 °C. Ipproteġi mill-ġlata.

Aħżen fejn tista' tilqa' mid-dawl tax-xemx dirett.

Ħajja kemm idum tajjeb il-prodott fuq l-ixkaffa: 2 snin

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Il-prodott fih imsielaħ ta' erba' tipi ta' materjal mimli b'soluzzjoni IPA:ilma (64.7:35.3% w/w). Il-materjali huma ċelluloża/poliester (55%/45%), ċelluloża/poliester (60%/40%), polipropilen (100%) u poliester (100%). Id-daqsijiet tal-imsielaħ ivarjaw minn 13 × 20 ċm sa 23 × 58 ċm. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-daqsijiet tal-imsielaħ hija inkluża taħt it-titlu "Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ" fit-Taqsimiet 4.1 u 4.2.

Jekk jogħġbok kun konxju dwar il-valur ta' riferiment Ewropew ta' 129.28 mg/m3 għas-sustanza attiva propan-2-ol (CAS Nru.: 67-63-0) li ntuża għall-istima ta' riskju għal dan il-prodott.

It-titli sħaħ tal-istandards EN u l-leġiżlazzjoni msemmija fi taqsima 5.2:

EN 374 – Ingwanti protettivi kontra kimiċi u mikroorganiżmi perikoluż.

Id-Direttiva tal-kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE).

Fir-rigward tal-"Kategorija/Kategoriji ta' utenti" innota: Professjonisti (li jinkludu utenti industrijali) tfisser professjonisti mħarrġa jekk dan huwa meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(1) L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsima huma validi għal kull użu awtorizzat.